MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Numru. 416/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Giovanna Antida Muscat**

**Kumpilazzjoni Nru: 416/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Giovanna Antida Muscat, bint Joseph Attard u Rita xebba Muscat, imwielda gewwa Pieta', nhar is-17 ta' April, 1966 u residenti fil-fond numru 53, Elena, Flat 5, Triq Sant'Antnin, San Gwann u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 191466(M).

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, liema gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 u fil-granet u xhur ta' wara, f'dawn il-gzejjer;

Bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima, heddidt lil haddiehor b'xi delitt.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ingurjat, jew heddidt, jew ghamlet offiza fuq l-persuna ta' persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjat jew heddidt lil Rita Saliba jew jekk kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Rita Saliba u/jew ta' persuni ohra u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 95, 249(1), 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina peanli netta ta' l-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 95, 249(1), 251B u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha hames (5) xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena, u multa ta' tmien mitt Euro (€800) li ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' erbghin Euro, l-ewwel pagament isir f'l-1 ta' Lulju 2014. In oltre fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412C ta'l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parti offiza qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------